

Brussell, 23 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11856/22

COH 74
SOC 467
PECHE 287
CADREFIN 132
JAI 1098
SAN 488
DELECT 134

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Awwissu 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 5503 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 5.8.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni tal-kostijiet unitarji u l-istabiliment ta' ammonti għal finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għal ċerti operazzjonijiet li jiffaċilitaw l-integrazzjoni taż-żgħażaġħ fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u fis-soċjetà fil-qafas tal-inizjattiva ALMA - "Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb" (Aim, Learn, Master, Achieve)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 5503 final.

Mehmuż: C(2022) 5503 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.8.2022
C(2022) 5503 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 5.8.2022

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar id-definizzjoni tal-kostijiet unitarji u l-istabbiliment ta' ammonti għal
finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għal ċerti operazzjonijiet li jiffaċilitaw l-
integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u fis-soċjetà fil-qafas tal-
inizjattiva ALMA - “Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb” (Aim, Learn, Master, Achieve)**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Is-simplifikazzjoni hija prijorità għolja fuq l-aġenda tal-Kummissjoni u kellha l-appoġġ mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Dan ifisser li l-implimentazzjoni tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni ssir aktar sempliċi, aktar sikura u aktar orjentata lejn l-outputs u r-riżultati.

L-Artikoli 94(1) u 95(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għall-Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni — “RDK”) jippermettu lill-Kummissjoni tirrimborża l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għal programm ibbażat fuq il-kostijiet unitarji, is-somom f'daqqa u r-rati fissi, kif ukoll finanzjament mhux marbut mal-kostijiet (FNLC, Financing not linked to costs), definit mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm jew minn att delegat. Dawn l-għażliet jessendu s-simplifikazzjoni tal-ġestjoni finanzjarja tal-fondi għar-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Meta mqabbla mal-għażliet tal-kostijiet issimplifikati stabbiliti fil-punti b) sa e) tal-Artikolu 53(1) tar-RDK, għandhom ukoll il-benefiċċji miżjuda li ġejjin:

- L-awditu u l-verifika tal-ġestjoni tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li għalihom in-nefqa tiġi rimborżata biss abbażi tal-Artikolu 94 jew 95 tar-RDK għandhom ikunu limitati għal verifika li l-kundizzjonijiet għar-rimborż stabbiliti fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm jew fl-att delegat ikunu ġew issodisfati.
- L-Istati Membri jistgħu jużaw kwalunkwe forma ta' appoġġ għar-rimborż tal-benefiċjarji, kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 94(3) tar-RDK u fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 95(3) tar-RDK. Il-prattiki kontabilistiċi li jużaw l-Istati Membri għar-rimborż tal-benefiċjarji u l-ammonti li jirriżultaw mhux se jkunu soġġetti għal verifika ta' ġestjoni u awditjar mill-awtorità tal-awditjar jew mill-Kummissjoni.

Għalhekk, l-użu tal-kostijiet unitarji, tas-somom f'daqqa, u tar-rati fissi skont l-Artikolu 94 tar-RDK kif ukoll tal-FNLC skont l-Artikolu 95 tar-RDK jipprovdi ċertezza tad-dritt lill-Istati Membri u lill-benefiċjarji. Barra minn hekk, dan inaqqas il-piż amministrattiv tal-ġestjoni tal-operazzjonijiet.

Għal dan il-għan, il-paragrafu 4 tal-Artikolu 94 tar-RDK jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li fil-livell tal-Unjoni jiddefinixxu l-kostijiet unitarji, is-somom f'daqqa, ir-rati fissi, l-ammonti tagħhom u l-metodi ta' aġġustament.

Bl-istess mod, il-paragrafu 4 tal-Artikolu 95 tar-RDK jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati li jistabbilixxu ammonti għall-iskemi tal-FNLC fil-livell tal-Unjoni, skont it-tip ta' operazzjoni, il-metodi għall-aġġustament tal-ammonti u l-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati jew ir-riżultati li għandhom jinkisbu.

Dan ir-Regolament Delegat jistabbilixxi l-kostijiet unitarji u l-iskemi tal-FNLC għall-Istati Membri kollha tal-UE fl-Anness għall-operazzjonijiet fil-qafas tal-FSE+ li jappoġġa liż-żgħażaġh żvantaġġati billi jipprovdihom kollokamenti barra mill-pajjiż ibbażati fuq ix-

¹ ĠU L 231, 30.6.2021, p.159

xogħol bil-għan li tiġi promossa l-inklużjoni tagħhom fl-edukazzjoni, fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà.

Ir-rimborż abbażi tal-kostijiet unitarji u tal-iskemi tal-FNLC stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni u mad-dritt nazzjonali relatat mal-implimentazzjoni tiegħu, inkluż ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u dwar l-akkwist pubbliku.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-paragrafu 4 tal-Fehim Komuni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Atti Delegati, saru konsultazzjonijiet xierqa u trasparenti dwar dan l-att delegat, fosthom fil-livell tal-esperti.

It-tnejn ta' dan l-att delegat kienet imsejsa fuq l-informazzjoni minn studju li jikkomplementa l-valutazzjoni tal-impatt tal-FSE+ dwar l-għażliet ta' kostijiet issimplifikati u l-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet fil-qasam tal-inklużjoni soċjali u taż-żgħażaġh². Id-definizzjoni tal-kostijiet unitarji u tal-ammonti tagħhom stabbiliti f'dan l-att delegat hija msejsa fuq metodi li jqisu d-*data* dwar il-kostijiet storiċi pprovduti mill-Istati Membri u fuq l-estrapolazzjoni. L-ammonti stabbiliti għar-rimborż abbażi tal-FNLC ġew stabbiliti abbażi ta' informazzjoni oġġettiva oħra.

Il-partijiet kollha tal-att delegat ġew soġġetti għall-konsultazzjoni tal-esperti mill-Istati Membri. L-ewwel verżjoni tal-att delegat ġiet ippreżentata u diskussa ma' esperti mill-Istati Membri kollha fit-3 ta' Mejju 2022. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat bil-konsultazzjonijiet.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Għall-finijiet ta' rimborż min-naħa tal-Kummissjoni tan-nefqa tal-Istati Membri abbażi tal-kostijiet unitarji, tas-somom f'daqqa, tar-rati fissi, u tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet definiti mill-Kummissjoni, l-Artikoli 94 u 95 tar-Regolament (UE) 2021/1060 jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati fir-rigward tad-definizzjoni fil-livell tal-Unjoni tal-iskali standard tal-kostijiet unitarji, tas-somom f'daqqa, tar-rati fissi, tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, tal-ammonti tagħhom u l-metodi biex dawn jiġu aġġustati.

² <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=8429&furtherPubs=yes>

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 5.8.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-definizzjoni tal-kostijiet unitarji u l-istabbiliment ta' ammonti għal finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għal ċerti operazzjonijiet li jiffaċilitaw l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, fl-edukazzjoni u fis-soċjetà fil-qafas tal-inizjattiva ALMA - “Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb” (Aim, Learn, Master, Achieve)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi³, u b'mod partikolari l-Artikoli 94(4) u 95(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Bil-għan li jiġi ssimplifikat l-użu tal-FSE+ u li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji, jixraq li jiġu definiti ċerti kostijiet unitarji u li jiġu stabbiliti ammonti għall-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet disponibbli għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-programmi.
- (2) Il-kostijiet unitarji għar-rimborż lill-Istati Membri jenħtieġ li jiġu stabbiliti abbażi ta' metodu ta' kalkolu ġust, ekwu u verifikabbli bbażat fuq *data* storika jew statistika, kif imsemmi fl-Artikolu 94(2), it-tieni subparagrafu, il-punti (a) sa (d) tar-Regolament (UE) 2021/1060.
- (3) Waqt l-iffissar tal-ammonti għall-finanzjament fil-livell tal-Unjoni mhux marbut mal-kostijiet, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, b'mod partikolari li r-riżorsi użati jkunu adegwati għall-investimenti li saru, kif ukoll il-projbizzjoni tal-finanzjament doppju jiġu rrispettati.
- (4) Filwaqt li jafferimaw mill-ġdid l-impenji li saru fil-qafas tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi u jinħolqu opportunitajiet indaqs, jixraq li jiġu ffaċilitati u jinħolqu inċentivi għall-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet li jappoġġaw l-impjiegi u l-edukazzjoni b'mod attiv għaż-żgħażaġh żvantaġġati.
- (5) Fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ imsaħħa, flimkien mal-inizjattiva tas-Sena taż-Żgħażaġħ 2022, u wara li kkunsidrat ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi wara l-kriżi tal-COVID-19, il-Kummissjoni nediet l-inizjattiva⁴ Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb (ALMA), li għandha l-għan li trawwem l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u s-soċjetà.

³ ĠU L 231, 30.6.2021, p.159

⁴ <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1549&langId=mt>

- (6) Jixraq li jiġu ddefiniti kostijiet unitarji u li jiġu stabbiliti ammonti għal finanzjament mhux marbut mal-kostijiet għal programmi jew prijoritajiet li jappoġġaw l-ALMA. Jenħtieġ li jkun possibbli li dawn il-kostijiet unitarji u l-ammonti għall-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jintużaw għall-operazzjonijiet li jappoġġaw l-integrazzjoni taż-żgħażaġh żvantaġġati fis-suq tax-xoġhol, fl-edukazzjoni u fis-soċjetà.
- (7) Tali operazzjonijiet jenħtieġ li jinkludu fażi ta' tħejjija mfassla apposta fl-Istat Membru domiċiljari tal-parteċipant, soġġorn akkumpanjat barra mill-pajjiż b'kollokament f'intrapriża jew f'istituzzjoni fi Stat Membru ieħor, u appoġġ kontinwu malli l-parteċipant jasal lura.
- (8) Għal din it-tip ta' operazzjoni hemm disparitajiet sinifikanti bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-livell tal-kostijiet. F'konformità mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, jenħtieġ li l-ammonti stabbiliti mill-Kummissjoni jirriflettu l-ispeċifikitajiet ta' kull Stat Membru.
- (9) Barra minn hekk, sabiex jinħoloq inċentiv għall-Istati Membri biex jappoġġaw azzjonijiet għal dawn iż-żgħażaġh żvantaġġati fi kwalunkwe Stat Membru ieħor, inkluż daww fejn il-kostijiet tal-ħajja ta' kuljum ikunu oġhla, jixraq li jiġi definit ammont miżjud li għandu jitħallas lill-programmi għat-tul tas-soġġorn fi Stat Membru differenti li jirrifletti livell oġhla ta' kostijiet imġarrba fi wħud mill-Istati Membri.
- (10) Jixraq ukoll li tiġi stabbilita żieda addizzjonali biex l-Istati Membri jiġu mħeġġa jipprovdu allowances lill-parteċipanti fejn ikun meħtieġ ħalli jiġi żgurat standard ta' għajxien deċenti għaż-żgħażaġh żvantaġġati f'daww l-Istati Membri. Dan jista' jkun il-każ meta l-parteċipant ma jkunx intitolat għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali fl-Istat Membru domiċiljari tiegħu. Jenħtieġ li l-awtorità ta' ġestjoni tiegħu l-inkarigu li tivvaluta din il-ħtieġa u tiddeċiedi jekk tali allowance għandhiex tingħata lill-parteċipanti.
- (11) Barra minn hekk, huwa ġġustifikat li jiġi ddefinit ammont miżjud li japplika meta l-parteċipazzjoni tirnexxi. Dan l-ammont jitħallas lill-Istati Membri bħala kumpens għall-isforzi addizzjonali li jkunu wettqu.
- (12) Sabiex jiġi żgurat li l-kostijiet unitarji jibqgħu indikatur xieraq għall-kostijiet li jiġġarrbu attwalment u li l-ammonti għall-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jibqgħu adegwati għall-investment li jkun sar matul il-perjodu ta' programmazzjoni, jenħtieġ li jiġi previst metodu xieraq ta' aġġustament.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kundizzjonijiet għar-rimborż tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-operazzjonijiet tal-FSE+ abbażi tal-kostijiet unitarji u tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, fosthom it-tipi ta' operazzjonijiet li huma koperti u r-riżultati li għandhom jinkisbu jew il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati, l-ammont ta' dan ir-rimborż u l-metodu biex dak l-ammont jiġu aġġustat huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5.8.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN